KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 330**

**It-Tnejn 16 ta' Jannar, 2017**

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, Is-Siġġiewi, fis-sebgħa ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

L-Avukat Karol Aquilina – Sindku
Dr Alessia Psaila Zammit – Viċi Sindku
Is-Sur Julian Borg– Kunsillier
Is-Sin. Gillian Farrugia Pace – Kunsilliera
Is-Sur Nicholas Cassar – Kunsillier
Is-Sur Domenic Grech - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

Is-Sur Clayton Cutajar – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Keith Galea– Segretarju Eżekuttiv

Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi – 18, Pjazza San Nikola, Is-Siġġiewi SĠW 1073
t +356 2146 6000 f +356 2146 2946
e siggiewi.lc@gov.mt w www.siggiewi.gov.mt KLSiggiewi

**Minuti**

Is-Sindku Dr Karol Aquilina ppresjeda l-laqgħa.

**330.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

330.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta u qara l-ittra ta' apoloġija tas-Sur Clayton Cutajar u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

**330.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

330.2.1 Is-Sindku ppropona li l-minuti tal-laqgħa numru 329 jkunu approvati. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**330.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

330.3.1 Is-Sindku qal li r-Reġjun Nofsinhar ser jerġa jorganizza l-Festival tan-Nar fis-Siġġiewi. Il-Kunsill qabel li ma jkunx hemm oġġezzjoni għal din l-attività, u ġaladarba d-data tkun stabbilita l-Kunsill għandu jieħu ħsieb jara li jitnaddaf il-Wied taż-Żebbuġi qabel din l-attività.

330.3.2 Is-Sindku tkellem ukoll dwar il-kuntratt tad-dawl fit-toroq. Hu qal li kien qed ikun issuġġerit li s-sejħiet għall-offerti jinħarġu fuq bażi reġjonali. Is-Sindku esprima l-opinjoni tiegħu kontra li dan isir abbażi tal-esperjenza li kellhom Reġjuni oħra f'dan il-qasam. Il-Kunsill qabel li tinħareġ sejħa għall-offerti li tkun għal-lokalità tas-Siġġiewi biss.

330.3.3 Is-Sindku qal li rċieva talba mis-Siġġiewi Brass Band and Social Club Festival, biex il-Kunsill Lokali u l-Għaqda msemmija jikkollaboraw bħas-snin l-imgħoddija biex tkun organizata 'Serata Kanrnivaleska' fis-Siġġiewi. Il-Kunsill Lokali qabel li tkun organizzata din l-attività bi spiża għall-Kunsill li ma teċċedix €750.00.

**330.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

330.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**330.5 Prezentazzjoni mill-*accountant* dwar il-fixed assets tal-Kunsill**

330.5.1 Is-Sindku stieden lis-Sur Pierre Mangion sabiex jagħmel preżentazzjoni dwar il-*fixed assets* tal-Kunsill. Is-Sur Pierre Mangion spjega l-ħidma li twettqet biex ikun aġġustat id-deprezzament tal-assi fissi tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi. Huwa qal li l-aġġustament fid-deprezzament tal-assi mressaq għall-apporvazzjoni tal-Kunsill hu dak €120,000.00. Dan jirriżulata minn xogħol li sar fuq l-assi tal-Kunsill minn meta saru sal-llum. Huwa qal ukoll li sal-aħħar tas-sena għal fini tar-Rapport Finanzjarju tal-Kunsill il-kotba finanzjarji tal-Kunsill se jkunu jaqblu mal-*fixed asset register*. Is-Sindku ressaq ir-rapport imħejji għal vot. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**330.6 Estimi Finanzjarji għas-sena 2017**

330.6.1 Is-Sindku informa lill-membri tal-Kunsill li dawn kienu ser jitressqu fis-seduta li jmiss.

**330.7 Ħruġ ta' Offerti.**

330.7.1 Il-Sindku ppropona li jibda l-proċess biex tinħareġ sejħa għall-offerti fir-rigward il-bini mill-ġdid tal-latrina pubblika li tinsab f'Għar Lapsi. Huwa qal li l-istima għal dan il-proġett mistennija li tlaħħaq mas-€70,000.00.

Hu semma kif dan il-proġett għandu jkollu skeda ta' pagamenti bħal ma ntużat għall proġetti oħra; iġifieri li jitħallas fuq tlett snin: 60% matul is-sena 2017, 25 fil-mija fis-sena 2018 u 15% fis-sena 2019 biex b'hekk il-proġett ma jkunx ta' piż fuq il-Kunsill f'sena finanzjarja waħda. Is-Sindku qal ukoll li ser jagħmel talba lill-Awtorità tal-Ippjanar biex jinkisbu fondi għal dan il-proġett. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**330.8 Ħatra ta' rappreżentant fuq il-Board tal-MAGF**

330.8.1 Is-Sindku nforma li l-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi kien ġie elett bħala membru fuq il-Bord tal-Grupp tal-Majjistral f'elezzjoni li saret waqt il-Laqgħa Ġenerali tal-istess Grupp. Huwa qal li f'dan l-istadju l-Kunsill kellu jaħtar membru fuq dan il-Bord.

Il-Viċi Sindku ppoponiet li r-rapprezent fuq il-bord ikun is-Sindku. Il-Kunsillier Jullian Borg issekonda. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**330.9 Proposti ta' żvillupp fil-konfini tas-Siġġiewi**

330.9.1 Is-Sindku qal li dwar il-proposta ta' żvillupp ta' rziezet tal-baqar fiz-zona ta' San Niklaw, il-permess tal-MEPA kien skada dan għaliex l-applikant ma prrezentax applikazzjoni sħiħa fi żmien stipulat fil-permess *outline*. Hu qal li it-Tribunal tal-Appell talab lill-Awtorità tikkonferma li ma kien hemm l-ebda applikazzjoni minn naħa tal-applikant. B'hekk ġaladarba dan ikun ikkonfermat, it-Tribunal ikun f'pożizzjoni li jista' jikkonferma li l-permess hu skadut.

330.9.2 Is-Sindku qal li ġiet ippreżentata applikazzjoni quddiem l-Awtorita tal-Ippjanar għal bini ta' *shooting range* fiż-żona ta' Bur ix-Xewk li tinsab viċin ħafna taz-zona residenzjali Ta' Kirċippu. Is-Sindku ppropona li qabel ma l-Kunsill jieħu pożizzjoni uffiċjali jekk għandux joġġezzjona jew le għal dan l-iżvilupp propost, għandha ssir laqgħa ta' konsultazzjoni mar-residenti taz-zona u li matulha l-applikant jingħata wkoll l-opportunità li jagħti aktar dettalji dwar l-iżvilupp propost u jwieġeb għal mistoqsijiet tal-Kunsill u tar-residenti. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**330.10 Sigurta' fi Triq Mons. Mikiel Azzoppardi.**

330.10.1 Is-Sindku qal li kien tkompla l-proċess rigward l-installazzjoni ta' *speed camera* fi Triq Mons. Mikiel Azzopardi. Hu qal li wara li nkisbet l-approvvazjoni minn Transport Malta u ġie deċiż il-post fejn din ser tiġi installata, il-Kunsill kien ser jieħu ħsieb jagħmel tabelli ġodda u *street*

*markings* li juru l-*ispeed limit* tat-triq kif ukoll sinjali ġodda meħtieġa biex jindikaw l-*ispeed camera.*

**330.11 Proġetti b'fondi mill-Unjoni Ewropea**

330.11.1 Is-Sindku qal li jinsab infurmat li fil-ġranet li ġejjin għandhom jiftħu applikazzjonijiet għal fondi mill-Unjoni Ewropea b'rabta ma rranġar ta' ħitan tas-sejjiegħ u l-għoti ta' wiċċ ġdid lil toroq rurali. Hu qal li meta l-Kunsill ikollu aktar informazzjoni tittieħed deċiżjoni dwar x'toroq għandhom isiru.

**330.12 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

330.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-iskeda tal-pagamenti. Is-Sindku ppropona li l-pagamenti jkunu approvati mill-Kunsill. Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace issekondat. Il-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

**330.13 *Items* oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

330.13.1 Is-Sindku qal li ġie avviċinat minn numru ta' residenti li jinsabu inkwetati dwar il-bini ta' kumpless kbir mill-Awtorità ta' Djar fiz-zona ta' Triq it-Tabib Nikol Zammit, Triq l-Imdina u Triq Dun Manwel Zammit. Il-Kunsill iddiskuta d-diffikultajiet li r-residenti jistgħu jiltaqgħu magħhom u sar qbil li tintalab laqgħa mal-Ministru Micheal Farrugia.

**330.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

330.14.1 Il-laqgħa intemmet fid-8.45p.m. u s-Sindku ppropona li l-laqgħa li jmiss tal-Kunsill issir nhar it-Tnejn 20 ta' Frar 2016 fis-7.00 p.m. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

Konfermati, illum 20 ta' Frar 2017.

L-Avukat Karol Aquilina
Sindku

Keith Galea
Segretarju Eżekuttiv